Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 71/16/1 AE

**Paul Previ**

**(appellat)**

**vs**

**Transport Malta**

**u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2017 isem l-awtorita` intimata ġie jaqra:**

**"Awtorita` ta' Malta għat-Trasport f'Malta"**

**(Awtorita` appellanti)**

5 ta' Ottubru 2018

1. **Din il-kawża tirrigwarda talba sabiex tiġi revokata deċiżjoni ta' Transport Malta (l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta) fejn ġiet imposta penali ammistrattiva ta' €500 u ta' 50 punt fuq l-attur.**

2. Permezz ta' ittra datata 8 ta' Awwissu 2016[1], it-Transport Malta avżat lill-attur (xufier ta' *mini-van* HVY-024) bl-intenzjoni tagħha li timponi fuqu penali amministrattiva ta' €500 u 50 punt minħabba li fid-29 ta' Lulju 2016 kien għabba passiġġieri minn fuq *bus stop*, fatt li fil-fehma tagħha sar bi ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56).

3. Permezz ta' ittra datata 16 ta' Awwissu 2016[2], l-attur irrisponda sabiex jagħti r-raġunijiet għaliex il-penali ma kellhiex tiġi imposta.

---

[1] Dok A, fol 6

[2] fol 62-63

4. Permezz ta' ittra datata 5 ta' Settembru 2016[3], Transport Malta infurmatu li raġunijiet tiegħu ma ġewx aċċettati u li għalhekk kienet qed tiġi imposta fuqu l-penali ta' €500 u 50 punt. Avżatu li f'każ li hu ma jaqbilx mad-deċiżjoni seta' jappella quddiem it-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf fl-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap 490) fi żmien 30 jum min-notifika tal-ittra.

5. Fit-3 ta' Ottubru 2016 l-attur Previ beda proċeduri fit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva. Spjega li kien ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Transport Malta u għalhekk talab lit-Tribunal sabiex jirrevoka d-deċiżjoni. Bl-ispejjeż kontra l-awtorita` konvenuta Transport Malta.

6. Fis-7 ta' Ottubru 2016 Transport Malta kienet notifikata bil-proċeduri.

7. Fit-18 ta' Novembru 2016 Transport Malta ppreżentat ir-risposta tagħha.

8. Fil-21 ta' Novembru 2016[4] it-Tribunal ordna l-isfilz tar-risposta ta' Transport Malta għaliex kienet ippreżentata *fuori termine*. B'hekk ġie li l-Awtorita` konvenuta kienet kontumaċi.

9. Fl-24 ta' Novembru 2016[5] l-attur Paul Previ ippreżenta rikors fejn għamel riferenza għar-risposta ta' Transport Malta (f' dak l-istadju kienet ġiet sfilzata) u senjatament għal dik il-parti fejn Transport Malta kienet talbet li ssir korrezzjoni tal-isem fis-sens li "Transport Malta" tiġi sostituta bil-kliem "Awtorita` għat-Trasport f' Malta." L-attur spjega li kien qed jagħmel tiegħu din it-talba.

10. Fit-23 ta' Jannar 2017[6] it-Tribunal laqa' r-rikors tal-attur għal korrezzjoni fl-isem tal-Awtorita` konvenuta.

[3] Dok B, fol 7
[4] Verbal tal-21.01.2016, fol 20
[5] Fol 31
[6] Verbal tat-23.01.2017, fol 34

11. Fis-26 ta' Jannar 2017[7] l-awtorita` konvenuta "l-Awtorita` għat-Trasport f' Malta", in vista tal-korrezzjoni fl-isem, sostniet li kellha ssir notifika mill-ġdid tar-rikors promutur u tad-dokumenti annessi u "*tingħata dak it-terminu lilha permess skont il-liġi sabiex tiddefendi l-pożizzjoni tagħha*."

12. Fit-31 ta' Jannar 2017[8] it-Tribunal ta digriet li permezz tiegħu ċaħad it-talba tal-Awtorita`li ssir notifika tal-proċeduri mill-ġdid u li jerġa jibda jiddekorri t-terminu sabiex hija tippreżenta r-risposta tagħha. Huwa aċċenna għall-fatt li l-Awtorita` effettivament tidentifika ruħha bħala "Transport Malta" u għalhekk minkejja li saret korrezzjoni fl-okkju dan ma jbiddel xejn fir-rigward tal-pożizzjoni tal-kontumaċja tagħha. Ikkummenta li l-Awtorita` ma sofriet l-ebda preġudizzju għaliex hija stess tuża n-nomenklatura "Transport Malta", tant li anke jekk tardivament, hija wieġbet għall-appell tal-attur.

13. Fit-8 ta' Frar 2017[9] l-Awtorita` għat-Trasport f' Malta ippreżentat rikors fejn qalet li ħassitha aggravata bid-deċiżjoni u talbet il-permess skont l-Art 229(3) tal-Kap 12 sabiex tkun awtorizzata tappella mid-digriet tal-31 ta' Jannar 2017.

14. Fit-27 ta' Marzu 2017[10] it-Tribunal ta digriet li permezz tiegħu ċaħad ir-rikors tal-Awtorita` għat-Trasport tat-8 ta' Frar 2017 fejn talbet permess biex tappella mid-digriet tal-31 ta' Jannar 2017. Huwa kkunsidra li l-Awtorita` kienet diġa ppreżentat ir-risposta tagħha (għalkemm tardivament) u allura jirriżulta li anke minn qabel ma saret il-korrezzjoni fl-isem, hija kienet f' pożizzjoni li tiddefendi ruħha sew li kieku ppreżentat ir-risposta fit-terminu konċess lilha.

15. Fit-13 ta' Ġunju 2017 it-Tribunal ta s-sentenza, li permezz tagħha kkonkluda li d-deċiżjoni tal-Awtorita` kienet waħda mhux ġustifikata u konsegwentement laqa' t-talba tal-attur biex tiġi mħassra. Bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorita`.

16. Fis-26 ta' Ġunju 2017 l-Awtorita` għat-Trasport f' Malta appellat kemm mid-

[7] Fol 35
[8] Fol 37
[9] Fol 38
[10] Fol 50-51

digriet tat-Tribunal tal-31 ta' Jannar 2017 kif ukoll mis-sentenza tat-Tribunal tat-13 ta' Ġunju 2017.

(a) Fir-rigward tad-digriet tat-31 ta' Jannar 2017 tilmenta li t-Tribunal naqas li josserva l-prinċipji bażiċi ta' proċedura meta naqas li jordna n-notifika mill-ġdid in segwitu għall-korrezzjoni fl-okkju. Targumenta li mhux il-każ li jiġi argumentat li hija kienet taf bil-proċeduri u jew li ma sofrietx preġudizzju, iżda jekk in-notifika *per se* kinitx waħda valida.

(b) Fir-rigward tas-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, tilmenta li t-Tribunal wasal għal interpretazzjoni żbaljata tar-Regolament 42. Tgħid li xufier ta' *mini-van* bħal ma hu l-attur ma jistax jgħabbi minn fuq *bus stops* (li huma intiżi għall-ġarr ta' passiġġieri permezz ta' trasport pubbliku) jekk il-klijenti ma jkunux prenotati minn qabel. Issostni li f' dan il-każ pero` ma kien hemm l-ebda prenotazzjoni għaliex għalkemm l-attur fir-rikors promutur jgħid li l-prezz ta' €5 kull persuna kien diġa miftiehem minn qabel, fil-fatt irriżulta li l-attur, waqt li kien wieqaf fuq *bus stop*, kien qed jinnegozja prezz, u targumenta li dan allura ifisser li ma kien hemm l-ebda prenotazzjoni.

17. Fil-11 ta' Lulju 2017 l-attur appellat wieġeb biex jgħid illi l-appell tal-Awtorita` konvenuta mid-digriet tal-31 ta' Jannar 2017 huwa biss tentattiv sabiex hija jkollha l-opportunita` iddaħħal fil-ħin ir-risposta tagħha. Huwa jsostni li s-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017 għandha tiġi kkonfermata. Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` appellanti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:**

**(a) Dwar l-appell mid-digriet tal-31 ta' Jannar 2017**

18. L-aggravju tal-Awtorita` konvenuta fir-rigward tad-digriet tal-31 ta' Jannar 2017 huwa li t-Tribunal ma kienx proċeduralment korrett meta in segwitu għall-korrezzjoni fl-okkju minn "Transport Malta" għal "Awtorita` ta' Malta għat-Trasport" caħad it-talba tagħha biex tiġi ordnata n-notifika tar-rikors promutur mill-ġdid u biex minn tali notifika jibda' jiddekorri t-terminu permess skont il-liġi sabiex hija tippreżenta r-risposta tagħha.

19. Fil-fehma ta' din il-qorti, dan mhu xejn għajr logħob bil-kliem f'tentattiv biex l-

Awtorita` issib rimedju għall-kontumaċja tagħha. Minkejja li t-talba tal-attur għall-korrezzjoni fl-okkju ġiet milqugħa (liema talba saret mill-attur wara li ra r-risposta tal-Awtorita`[11] u senjatament l-ewwel eċċeżżjoni tagħha fejn qalet li għandha ssir talba għall-korrezzjoni fl-isem "*peress li ma hemm l-ebda Transport Malta iżda Awtorita` għat-Trasport f' Malta*") l-korrezzjoni kienet effetivament waħda superfiċjali, u mhux neċessarja. Din il-qorti ser tispjega għaliex.

20. Jekk wieħed jara l-ittri tat-8 ta' Awwissu 2016 u tal-5 ta' Settembru 2016 fuq imsemmija, li l-Awtorita` bagħtet lill-attur, jinnota li dawn inkitbu fuq karta bil-*letterhead* bil-logo ta' "Transport Malta", u li fuq in-naħa t' isfel ta' kull paġna hemm dikjarat b'tipa rqiqa illi "***Transport Malta is the Authority for Transport in Malta set up by ACT XV of 2009***". Għalhekk, kif korrettament irritjena t-Tribunal fid-digriet tiegħu, l-Awtorita`għat-Trasport f' Malta tidentifika ruħha bħala "Transport Malta" u fil-fatt tuża n-nomenklatura "Transport Malta". Jista' jingħad għalhekk li l-isem "Transport Malta" u l-isem "Awtorita` għat-Trasport f' Malta" jintużaw "*interchangeably*" u jirreferu għall-istess persuna ġuridika. Tant hu hekk li fl-ittra tal-5 ta' Settembru 2016 l-attur ġie mgħarraf li l-€500 penali imposti fuqu għandhom jitħallsu "***preferibbilment b'ċekk indirizzat lil Transport Malta***"!

21. In oltre jiġi osservat li hemm diversi kawżi li ġew istitwiti kontra "Transport Malta", u li fihom ma tqajmet l-ebda eċċezzjoni fis-sens li l-isem ma kienx korrett. Hekk per eżempju:

- Edmond Fenech vs Transport Malta
  deċiża 30.10.2017 mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva

- Jean Pierre Caruana vs Transport Malta
  deċiża 06.04.2017 mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva

- Brian Aber vs Transport Malta
  deċiża 03.10.2017 mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva

- Azzopardi Waterproofing Ltd vs Transport Malta
  deċiża 06.03.2017 mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva

[11] liema risposta, kif fuq spjegat, ġiet sfilzata peress li saret *fuori termine,* iżda ġiet riprodotta fir-rikors tal-appell odjern

- Paul Fenech vs Transport Malta
  deċiża 24.05.2016 mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva

22. Saru wkoll diversi kawżi kontra l-Awtorita` għat-Trasport f' Malta fejn fl-istess okkju ġie indikat li "Transport Malta" hija l-"Awtorita` għat-Trasport f' Malta", u fejn ma tqajmet l-ebda eċċezzjoni ta' parti tal-Awtorita` f' dan ir-rigward. Hekk per eżempju:

- Eugene Cardona vs Awtorita` għat-Trasport f' Malta magħrufa ukoll bħala Transport Malta
  deċiża 16.03.2018 mill-Qorti tal-Appell Inferjuri

- Silvan Seisun vs Awtorita` għat-Trasport f' Malta magħrufa bħala Transport Malta
  deċiża 08.01.2018 mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva

- Rosario Vidal vs Transport Malta (Awtorita` dwar it-Trasport)
  deċiża 17.07.2017 mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva

- Meli Car Rentals Ltd vs Awtorita` għat-Trasport f' Malta sive Transport Malta
  deċiża 17.07.2017 mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva

- George Cutajar vs Awtorita` tat-Trasport f' Malta (Transport Malta)
  deċiża 16.12.2016 mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva

23. Stabbilit li "Transport Malta" **hija** fil-fatt l-Awtorita` għat-Trasport f' Malta, u li l-korrezzjoni fl-okkju kienet waħda purament kozmetika, u mhux neċessarja, isegwi li hija kompletament bla bażi l-pretenzjoni tal-istess Awtorita` li tiġi ordnata n-notifika tar-rikors u tad-dokumenti mill-ġdid, għaliex fiċ-ċirkostanzi n-notifika oriġinali tibqa' waħda valida.

24. **Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-appellanti mid-digriet tal-31 ta' Jannar 2017 u tikkonferma l-istess.**

## (b) Dwar l-appell mis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017

25. Fir-rigward tad-deċiżjoni fil-mertu, l-Awtorita` konvenuta sostni li t-Tribunal kien żbaljat meta fis-sentenza tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2017 kkonkluda li l-attur ma kisirx ir-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta'

Passiġġieri (L.S. 499.56) minkejja li, "*tirriżulta ammissjoni skjaċċanti tal-istess appellat li huwa għabba passiġġieri mhux pre-booked minn fuq bus-stop.*"

26. L-imsemmi Regolament 42 jipprovdi hekk:

*(1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:*

*Iżda l-ferroviji mingħajr binarji u l-electric trolley vehicles jitħallew jistennew biex jinkrew f' post ta' tluq approvat mill-Awtorita`.*

*(2) Is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarju u b'electric trolley vehicles, **jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bil-posta**.*

*(3) L-ebda persuna m'għandha –*

*(a) tbiegħ, jew*
*(b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ*

*servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji u b' electric trolley vehicles, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*

*(4) Ebda persuna m'għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f' xi post biex tuża servizz ta' ġarr tal-passiġġieri.*

27. L-attur Paul Previ xehed[12] li jaħdem għal rasu bħala xufier ta' *mini-van.* Qal li dakinhar tad-29 ta' Lulju 2016 kien irċieva telefonata da parti ta' grupp li kienu tas-Sliema li riedu jmorru l-Gianpula, Ta' Qali. Huwa beda miż-Żejtun għaliex kien għabba passiġġier wieħed minn hemm li ukoll ried imur il-Gianpula u għalhekk flok mar bih direttament il-Gianpula waqaf biex jgħabbi l-grupp minn tas-Sliema. Miegħu kellu wkoll takkompanjah it-tfajla tiegħu. Spjega li kellu jgħabbi lil dan il-grupp minn fejn ir-Roma Hotel[13], iżda meta wasal hemm ħarġet persuna li qaltlu li l-grupp kien iktar 'il quddiem. Qal li għalhekk saq iktar 'il quddiem u sab numru ta' studenti barranin. "*Fil-pront kien hemm wieħed fetaħli l-bieba u tela*". Kompla jgħid li tnejn mill-istudenti (fosthom waħda Taljana) bdew ikellmuh min-naħa tat-tieqa u bdew jinnegozjaw miegħu

[12] xiehda tal-attur, fol 21-25
[13] fir-rikors promutur jgħid li kien l-"Aroma Restaurant", pero din il-qorti hija a konoxxenza tal-fatt li dawn fil-fatt jinsabu fl-istess bini f' tas-Sliema

fuq il-prezz. Qal li riedu jħallsu biss €2 kull wieħed, liema prezz ma kienx aċċettabbli għalih. Dak il-ħin, xi l-ħdax u kwart (23.15) tfaċċaw xi uffiċjali min-naħa tal-Awtorita. Qal li minkejja li t-Taljana kkonfermatilhom li kienu ċemplulu biex joħodhom Gianpula u minkejja li huwa qal lill-uffiċjali li lanqas biss kien ser jgħabbihom għaliex ma ftehmux fuq il-prezz, xorta qalulu li ser iħarrkuh. Huwa imbagħad ma tella' lil ħadd u baqa' sejjer Gianpula bil-passiġġier oriġinali li kien għabba miż-Żejtun.

28. Joanna Pace, it-tfajla tal-attur, fix-xiehda tagħha[14] ikkonfermat il-verżjoni tal-attur. Qalet li kienu ċemplu xi nies li xtaqu li jittieħdu Gianpula u għalhekk l-attur li kellu biss passiġġier wieħed fil-vann mar għalihom tas-Sliema biex jiġborhom. Ikkonfermat li għalkemm l-attur waqaf biex jiġborhom minn ħdejn "ir-Roma" ħareġ bniedem li għamillu s-sinjal biex isuq iktar 'il quddiem. Qalet li ma ftehmux fuq il-prezz għaliex ippretendew li joħodhom biż-€2 kull wieħed, u għalhekk ma għabbihomx, u għalkemm kien laħaq tela' wieħed mill-persuni tal-grupp dan reġa' niżel u baqgħu sejrin Gianpula bil-passiġġier oriġinali. Qalet li meta tfaċċaw l-uffiċjali tal-Awtorita`, it-Taljana kienet spjegatilhom li kienet ċemplet għas-servizz minn qabel. Kompliet tispjega li fil-fatt kienet proprju hi li ħadet it-telefonata tagħha. Mistoqsija jekk kienux ftehmu fuq prezz minn qabel qalet:

*"Ngħidlek il-verita` le, ma ftehmtx magħha fuq prezz għaliex, taf kif jagħmlu dawn, mgħaġġlin mgħaġġlin, jaqtgħulek it-telefown. U le, dakinhar ma ftehmniex magħhom fuq il-prezz għaliex kienu daqsxejn għadhom żgħar u l-aktar ħaġa importanti kienet li jitilgħu Gianpula għax lanqas biss kienu jafu fejn hu l-Gianpula huma."*

29. Matthew Schembri, il-passiġġier li tela' miż-Żejtun, fix-xiehda tiegħu[15] qal li hu kien ċempel sabiex l-attur jieħdu l-Gianpula, u spjega li din ma kinitx l-ewwel darba li kien uża servizzi tiegħu. Qal li l-attur infurmah li kien ser jgħaddi jiġbor xi persuni minn tas-Sliema. Xehed li meta wasal ħdejn ir-"Roma Hotel" ma bediex jarahom u fil-fatt ċemplilhom. Imbagħad saq ftit 'il quddiem u "*ġew imdawwrin kollha mal-vann*". Ikkonferma li wieħed minnhom fil-fatt laħaq tela'

[14] xiehda ta' Joanne Pace, fol 26-28
[15] xiehda ta' Matthew Schembri, fol 29-30

fil-vann għalkemm lanqas biss poġġa bil-qegħda u l-oħrajn ippruvaw jinnegozjaw prezz max-xufier (l-attur). Qal li ppretendew li jħallsu biss €2 kull wieħed u l-attur ma aċċettax u għalhekk spiċċa ħa lilu biss Gianpula.

30. L-appellanti ssostni li l-attur, bħala xufier ta' *mini-van,* kiser ir-Regolament 42 għaliex għalkemm huwa jista' jgħabbi minn fuq *bus-stop* jekk il-klijenti jkunu prenotati, fil-każ in kwistjoni ma kinux.

31. Kif osserva t-Tribunal, għalkemm l-attur fir-rikors promutur tiegħu qal li meta ċemplulu l-istudenti huwa kien aċċetta li jiġborhom minn tas-Sliema u joħodhom Gianpula, u li kienu "*ftehmu ukoll fuq il-prezz ta' €5 kull persuna*", mix-xiehda tiegħu, ta' Joanne Pace u ta' Matthew Schembri ma jirriżultax li meta ċemplu l-istudenti biex jipprenotaw il-vjaġġ minn tas-Sliema għal Gianpula kienu ftehmu fuq prezz. L-Awtorita` targumenta li biex jitqies li kien hemm "prenotazzjoni" irid ikun hemm ftehim minn qabel fuq il-prezz. Tgħid li l-fatt innifsu li l-attur kien qed jinnegozja prezz ifisser li ma kienx hemm prenotazzjoni u t-teżi tagħha hi li l-attur kien mar idur dawra ma' Malta bil-għan li jgħabbi klijenti minn fejn isib, u li meta ra lill-persuni in kwistjoni fuq il-*bus-stop* huwa waqaf biex jipprova jgħabbihom. Dak hu r-raġunament tal-appellant fir-rigward tal-meritu.

32. Madankollu fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Illi jekk wieħed iħares lejn il-pre-avviz data 8 ta' Awissu 2016 u eżebit a fol. 6 tal-proċess, isib speċifikata l-infrazzjoni riskontrata mill-uffiċjali tal-Awtorita' intimata liema infrazzjoni taqra s-segwenti, "…. fejn jirrizulta li waqt li kont qed tagħmilha ta' xufier tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HVY 024 għabbejt passiġġieri minn fuq bus stop" bi ksur tar-Regolament 42 fuq ċitat. Illi jekk wieħed jara r-Regolament 42 ma jirriżultax illi xufier ikun in kontravenzjoni tal-istess Regolament jekk igħabbi minn fuq bus stop. A skans ta' ripetizzjoni it-Tribunal jagħmel riferenza għal dak li ġie sottomess iktar 'il fuq għal x'jikkostitwixxi infrazzjoni ta' Regolament 42"*.

33. L-avviż li fih id-deċiżjoni tal-appellanti jaqra:

*"Nirreferu għall-ispezzjoni li saret minn Uffiċjal tal-infurżar fid-29 ta' Lulju, 2016, f'Tower Road, Sliema, għall-ħabta ta' 23.15hrs, fejn jirriżulta li* ***waqt li kont qed tagħmilha ta' xufier tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HVY 024 għabbejt passiġġieri minn fuq bus stop****.*

*L-Awtorita dwar Trasport f'Malta jidhrilha li dan sar bi ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56)"*.

34. Għaldaqstant minn dak l-avviż hu ċar li d-deċiżjoni tal-appellanti li timponi fuq l-appellat penali amministrattiva, kienet għall-imsemmija raġuni. Pero' kif qal tajjeb it-Tribunal, skont Regolament 42 tal-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja dik id-disposizzjoni m'għandhiex x'taqsam mal-fatt li xufier igħabbi passiġġieri minn fuq *bus stop*. Għalhekk it-Tribunal kien korrett meta laqa' l-appell tar-rikorrent.

35. L-argumenti li saru mill-appellanti dwar fejn sar il-bejgh huma rrilevanti, għaliex id-dmir tat-Tribunal kien li jistharreg id-decizjoni tal-appellanti kif motivata fl-ittra tat-8 ta' Awissu, 2016. Dan apparti li mill-provi rriżulta li ma sar l-ebda bejgħ ġialadarba ma ġiex konkluż ftehim u lanqas m'għabba passiġġiera.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.